

31998R0088

L 9/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.1.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 88/98**tat-18 ta' Diċembru 1997****li jippreskrivi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

- (1) Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1866/86 tat-12 ta' Ġunju 1986 li jippreskrivi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fl-ibħra tal-Baħar Baltiku, l-Belts u s-Sound ⁽³⁾ ġie emendat spiss u sostanzjalment; billi għal raġunijiet ta' ċarezza u razjonalità ir-Regolament imsemmi għandu jkun ikkonsolidat.
- (2) Billi, bis-saħħa ta' l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 ta' l-20 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxu sistema tal-Komunità għal sajd u akwakultura ⁽⁴⁾ il-Kunsill hu responsabbli li jadotta, fid-dawl ta' opinjoni xjentifika disponibbli, il-miżuri ta' konservazzjoni neċessarji sabiex jiżgura sfruttament razzjonali u responsabbli ta' riżorsi tal-baħar ħajjin fuq bażi sostenibbli, billi għal dak il-għan il-Kunsill jista' jippreskrivi miżuri tekniċi f'dak li għandu x'jaqsam ma' rkaptu tas-sajd u mal-metodu ta' kif jintuża.
- (3) Billi huwa neċessarju li jkun stabbiliti l-prinċipji u ċerti proċeduri sabiex ikunu preskritti l-miżuri tekniċi

msemija fuq livell tal-Komunità sabiex kull Stat Membru jkun jista' jamministra l-attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni jew sovrani ta' tiegħu.

- (4) Billi d-dħul tal-Komunità fil-Konvenzjoni dwar Sajd u Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin fil-Baħar Baltiku u l-Belts, kif emendata bil-Protokoll għall-Konferenza tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri għall-Konvenzjoni u minn issa 'l quddiem imsemija bħala "il-Konvenzjoni ta' Gdansk", ġie approvat b'Deċizzjoni tal-Kunsill 83/414/KEE ⁽⁵⁾.
- (5) Billi l-Konvenzjoni ta' Gdansk daħlet fis-seħħ f'dak li għandu x'jaqsam mal-Komunità nhar it-18 ta' Marzu 1984 u l-Komunità aċċettat id-drittijiet u l-obbligi kollha tad-Danimarka u tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif preskritti fil-Konvenzjoni ta' Gdansk.
- (6) Billi l-Kummissjoni Internazzjonali tas-Sajd fil-Baħar Baltiku, imwaqqfa bil-Konvenzjoni ta' Gdansk adottat, minn mindu ġiet stabbilita, korp ta' miżuri għall-konservazzjoni u l-amministrazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Baltiku u, bl-ittri tagħha ta' l-20 ta' Settembru 1985, it-8 ta' Diċembru 1986, il-21 ta' Diċembru 1987, id-29 ta' Ottubru 1988, l-20 ta' Settembru 1993, l-20 ta' Settembru 1994 u l-11 ta' Settembru 1995, innotifikat lill-firmatarji b'ċerti rakkomandazzjonijiet sabiex ikunu modifikati dawk il-miżuri tekniċi.
- (7) Billi l-Konvenzjoni ta' Gdansk tipprovdi li l-Komunità għandha tagħti effett lir-rakkomandazzjonijiet imsemija fl-ilmijiet tal-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound, bla ħsara għall-proċedura ta' oġġezzjoni preskritta fl-Artikolu XI tal-Konvenzjoni.
- (8) Billi l-aktar mod effettiv sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet ta' ħut żgħir hu li jkun ipprobit is-sajd f'dawk l-inħawi fejn ikunu jinsabu bi kwantità kbira,

⁽¹⁾ ĠU C 304, tas-6.10.1997, p. 32.

⁽²⁾ ĠU C 296, tad-29.9.1997, p. 31.

⁽³⁾ ĠU L 162, tat-18.6.1986, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1821/96 (ĠU L 241, tal-21.9.1996, p. 8).

⁽⁴⁾ ĠU L 389, tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bl-Att ta' Dħul ta' l-1994.

⁽⁵⁾ ĠU L 237, tas-26.8.1983, p. 4.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

— sajjieda kollha fl-ilmijiet ta' din in-naħa li jkunu taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri.

L-Artikolu 1

Definizzjoni taż-żona ġeografika

1. Dan ir-Regolament għandu x'jaqsa ma' li jittieħdu u jitniżżlu l-art riżorsi tas-sajd li jkunu jinsabu fl-ilmijiet tal-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound magħluqa min-naħa tal-Punent b'linja mħażża minn Hasenøre Head sa Gniben Point, minn Korshage sa Spodsbjerg u minn Gilbjerg Head sal-Kullen. M'għandux japplika għall-ilmijiet fil-linji bażi.

2. Għandu japplika għas:-

— sajjieda tal-Komunità fiż-żona ġeografika deskritta fil-paragrafu 1,

3. L-arja ġeografika hi maqsuma fi 11 il-suddivizzjoni nnumerati 22 sa 32 li huma deskritti fl-Anness 1.

L-Artikolu 2

Projbizzjoni fuq sajd għal ċerti speċi f'ċerti inħawi ġeografiċi matul ċerti perjodi

1. Għandu jkun ipprobit li jinżammu abbord l-ispeċi segwenti ta' ħut li ġew maqbuda mill-ilmijiet u matul il-perjodi mniżżla taħt:

Speċi	Ilmijiet	Perjodu ta' prova
Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda (<i>Platichthys flesus</i>)	Sottodivizzjoni 26	1 ta' Frar sat-30 ta' April
Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda	Sottodivizzjoni 28 u 29 nofsinhar ta' latitudni 59°30' T	1 ta' Frar sat-30 ta' April
Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda	Sottodivizzjoni 32	1 ta' Frar sat-30 ta' Ġunju
Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda femminili	Sottodivizzjoni 22 minbarra għaż-żona ġeografikali deskritta fl-Anness II	1 ta' Frar sat-30 ta' April
Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)	Sottodivizzjoni 26	1 ta' Frar sat-30 ta' April
Barbun tat-tbajja	Sottodivizzjonijiet 27, 28 u 29 nofsinhar ta' Latitudni 59° 30' T	1 ta' Frar sat-30 ta' April
Barbun tat-tbajja femminili	Sottodivizzjoni 22 appart, għaż-żona ġeografikali deskritta fl-Anness II u s-sottodivizzjonijiet 24 u 25	1 ta' Frar sat-30 ta' April
Barbun imperjali (<i>Psetta maxima</i>)	Sottodivizzjonijiet 22, 24, 25 u 26	1 ta' Ġunju tal-31 ta' Lulju
Rombu lixx (<i>Scophthalmus rhombus</i>)	Sottodivizzjonijiet 22, 24, 25 u 26	1 ta' Ġunju tal-31 ta' Lulju

2. Bħala deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, qabdiet ta' barbun u barbun tat-tbajja' waqt sajd għal bakkaljaw, maqbuda matul il-perjodi ta' projbizzjoni li hemm referenza għalihom f'dak il-paragrafu, jistgħu jinżammu abbord f'limitu ta' 10 % tal-piż tal-qabda sħiħa ta' merluzz abbord il-bastiment.

L-Artikolu 3

Daqs minimu ta' ħut

1. Huta għandha titqies ta' daqs żgħir jekk tkun iżgħar mid-daqs minimu speċifikat f'Anness III għall-ispeċi u l-ilmijiet inkwistjoni

2. Id-daqs ta' ħuta għandu jitkejjel mill-ponta tal-geddum, bil-ħalq magħluq, sat-tarf tal-pinna tad-denb.

3. Ħut iżgħar mid-daqs minimu, anki fejn tali ħut jkun parti minn qabdiet li ma jkunx sar sajd intenzjonat għalihom, m'għandhomx jinżammu abbord jew meħuda fuq bastiment ieħor, trasportati, proċessati, mibjugħa jew maħżuna jew mpoggja għall-bejgħ. Għandhom jerġu jintefgħu fil-baħar, jekk ikun possibbli waqt li jkunu għadhom ħajjin, minnufih wara li jinqabdu.

4. Bħala deroga mill-paragrafu 3, merluzz żgħir jista' jinżamm abbord f'limitu ta' 5 % skond il-piż tal-qabda tal-merluzz abbord.

5. Il-qabda ta' merluzz waqt sajd għal aringi u sardin m'għandhiex taqbeż 10 % tal-piż totali tal-qabda. Minn din il-qabda ta' merluzz li ma jkunx sar sajd intenzjonat għalih, mhux aktar minn 5 % tal-merluzz żgħir għandu jinżamm abbord.

L-Artikolu 4

Kif jiġi stabbilit il-persentaġġ ta' qabdiet ta' speċi li ma jkunx sar sajd intenzjonat għalihom

1. Il-persentaġġ ta' qabdiet ta' speċi li ma jkunx sar sajd intenzjonat għalihom li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(2) għandu jkun imkejjel bħala proporzjon skond il-piż tal-kwantità totali ta' merluzz abbord wara li jkun magħżul, jew tal-merluzz kollu fl-istiva jew imhott l-art.
2. Il-persentaġġ tal-qabdiet ta' speċi li ma jkunx sar sajd intenzjonat għalihom li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3(4) għandu jkun imkejjel bħala proporzjon skond il-piż tal-kwantità totali ta' ħut abbord wara li jkun magħżul, jew tal-ħut kollu fl-istiva jew imhott l-art.
3. Regoli ddettaljati biex jiġi stabbilit il-persentaġġ ta' qabdiet ta' speċi li ma jkunx sar sajd intenzjonat għalihom jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 13.

L-Artikolu 5

Daqs minimu tal-malja tax-xibka

1. Għandu jkun projbit l-użu jew għid ta' xbieki tat-tkarkir, tat-tartarun Daniż jew ta' xbiek simili li jkollhom malji ta' daqs iżgħar minn dak preskritt f'Anness IV għall-ilmijiet, speċi jew grupp ta' speċi ta' ħut konċernat.
2. Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' xbieki tal-wiċċ ankrati jew ta' pariti li jkollhom malji ta' daqs iżgħar minn dak preskritt f'Anness IV, f'sajd għas-salamun.
3. Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' xbieki li jkollhom malji ta' daqs iżgħar minn dak preskritt fl-Anness IV għall-ilmijiet, speċi jew gruppi ta' speċi ta' ħut konċernat.

L-Artikolu 6

Kejl tad-daqs tal-malji tax-xbieki

1. Matul l-ispezzjoni ta' xbieki, il-malji tax-xbieki għandhom ikunu mkejla bl-użu ta' *gauge* ċatt li jkun oħxon 2 mm u magħmul minn materjal b'saħħtu li jżomm il-forma tiegħu. Għandu jkollu bosta għnub bi truf paralleli magħquda bi għnub intermedjarji li

jkunu ġejjin għax-xejn b'*taper* ta' 1 cm fi 8 cm jew li jkollhom għnub li jkun għax-xejn biss, bl-istess *taper* kif indikat fuq. Il-*gauge* għandu jkollu miktub fuq il-wiċċ tiegħu l-wisa' f'millimetri kemm fuq il-parti bil-għnub paralleli, jekk tkun hemm, u kemm fuq il-parti li tkun ġejja għax-xejn. Fil-każ ta' dan ta' l-aħħar, il-wisa' għandu jkun miktub f'kull intervall ta' 1 mm, u l-indikazzjoni tal-wisa' għandha tidher f'intervalli regolari.

2. Sabiex jitkejjel id-daqs tal-malji, il-*gauge* għandu jiddaħħal bl-iktar tarf dejqa fil-malja tax-xibka, li jiftaħ f'direzzjoni perpendikulari għall-pjan tax-xibka sabiex jitkejjel il-fus it-twil tal-malja meta jkun stirat b'mod dijagonali għat-tul. Il-*gauge* għandu jiddaħħal fil-malja tax-xibka, jinfetaħ b'mod manwali sakemm jit-waqqaq fit-truf li ġejjin għax-xejn bir-resistenza tal-lenza. Id-daqs ta' kull malja individwali għandu jkun il-wisa' tal-*gauge* fil-punt fejn il-*gauge* ikun imwaqqaf.

3. Id-daqs tal-malja ta' xibka għandu jkun id-daqs medju ta' mill-inqas 20 malja konsekuttiva fid-direzzjoni tal-fus it-twil tax-xibka, magħżul b'mod każwali. Malji b'inqas minn 10 toqbiet u f'50 cm minn qfeli, hbulu jew ċimi ma għandhomx ikunu mkejla. Din id-distanza għandha tkun imkejla b'mod perpendikulari għall-qfeli, hbulu jew ċimi bix-xibka stirata fid-direzzjoni ta' dak il-kejl.

4. Il-malji ta' xibka għandhom jitkejlu biss meta x-xibka tkun imxarrba.

5. Malja waħda ta' xibka m'għandhiex tkun ikkunsidrata bħala żgħira jekk il-parti tal-*gauge* li tikkorrispondi mad-daqs minimu mniżżel fl-Anness IV għall-ispeċi, ilmijiet u tip ta' xibka konċernata, tgħaddi faċilment minnha.

L-Artikolu 7

Żidiet ma' xbieki

1. Bħala deroga mill-Artikolu 5(1) għandu jkun permess li jkun mwaħħal mal-parti ta' barra tal-parti ta' isfel tat-tarf ta' kull xibka ta' tkarkir, tartarun Daniż jew xbieki simili, kull kanvas, xbieki jew materjal ieħor li jkollu l-għan li ma jħallix jew li jnaqqas id-deterjorazzjoni tax-xibka. Tali materjal għandu jkun mwaħħal mal-għnub ta' quddiem u tal-għnub tat-tarf biss.

2. Bħala deroga mill-Artikolu 5(1), għandu jkun permess li jkun hemm twaħħil mal-parti ta' barra tat-tarf u l-parti li ttawwal bħala borża għas-saħħa. Il-borża għas-saħħa hi parti ċilindrika minn xibka li ddawwar kollha kemm hi t-tarf u ż-żieda. Tista' tkun magħmula jew mill-istess materjal tat-tarf jew taż-żieda jew minn materjal itqal minn tat-tarf jew taż-żieda. Id-daqs tal-malji tal-borża għas-saħħa għandu jkun ta' l-inqas darbtejn id-daqs tal-malji tat-tarf minbarra li d-daqs minimu tal-malji tagħha ma għandux ikun inqas minn 80 mm.

Borża għas-saħħa tista' tkun imwahnha ma' diversi postijiet:

- (a) mat-tarf ta' quddiem tagħha; u
- (b) mat-tarf ta' wara tagħha; u, jew
- (c) maqfula maċ-ċirkomferenza tat-tarf u taż-żieda madwar ringiela ta' malji; jew
- (d) maqfula b'mod lonġitudinali matul ringiela waħda ta' malji.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5(1), għandu jkun permess l-użu fi xbieki ta' tkarkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili, ta' xibka li ma jkunx jista' jsir ħruġ minnha jew ta' bieba li tinfetaħ u tingħalaq li jkollha malji iżgħar minn daww tat-tarf.

Il-bieba li tinfetaħ u tingħalaq tista' titwahnha jew fuq għewwa tat-tarf jew quddiem it-tarf.

Id-distanza mill-punt ta' twahnha fuq quddiem tal-bieba sat-tarf ta' wara tat-tarf tax-xbiek għandu jkun ta' l-inqas tliet darbiet it-tul tal-bieba.

L-Artikolu 8

Użu ta' rkaptu

1. Rkaptu li ma jistax jintuża f'ċerti inħawi ġeografiċi jew matul ċertu perjodu għandu jitpoġġa xi mkien abbord b'tali mod li ma jkunx jista' jintuża fiż-żona projbita jew matul il-perjodu ta' projbizzjoni. Rkaptu ta' riserva għandu jitpoġġa xi mkien ieħor abbord u b'tali mod li ma jkunx jista' jintuża.

2. Rkaptu tas-sajd għandu jkun ikkunsidrat li ma jkunx lest sabieħ jintuża jekk:

- fil-każ ta' xbieki ta' tkarkir, tartaruni Daniżi jew xbieki simili,
 - (a) it-twavel tax-xbieki ta' tkarkir ikunu marbuta sew mal-parti ta' għewwa jew ta' barra tal-murata jew tal-bank, u
 - (b) tikmix jew għoqiedi mat-twavel tax-xbiek ta' tkarkir jew piżijiet ikunu rranġati u maħlula,
- fil-każ ta' rkaptu għas-sajd għas-salamun,
 - (a) ix-xbieki ikunu maħżuna taħt għatu marbut,
 - (b) ix-xolfa u snanar ikunu miżmuma f'kaxx magħluqa,
- fil-każ ta' tartaruni, il-wajer prinċipali jew tal-qiegħ ikun maħlul minn mat-tartarun.

3. Għandu jkun ipprojbit matul is-sena, li jsir sajd bi kwalunkwe xbieki ta' tkarkir, tartarun Daniżi jew xbieki simili fin-naħa ġeografika magħluqa b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

54° 23' T	14° 35' L
54° 14' T	14° 25' L
54° 17' T	14° 17' L
54° 24' T	14° 11' L
54° 27' T	14° 25' L
54° 23' T	14° 35' L

4. Bħala deroga mill-paragrafu 1, matul sajd għal merluzz, rkaptu li hu awtorizzat biss għal sajd għal merluzz jew rkaptu b'daqg ta' malji tax-xbieki ikbar mid-daqgijiet preskritti f'Anness IV jistgħu jitħallew abbord. Jekk ikun hemm rkaptu abbord li ma jkunx awtorizzat għal sajd għal merluzz, il-ħatt l-art ta' merluzz għandu jkun projbit.

L-Artikolu 9

Restrizzjonijiet fuq sajd għal salamun u trota tal-baħar

1. Għandu jkun ipprojbit, f'sajd għal salamun (*Salmo salar*) jew trota tal-baħar (*Salmo trutta*):

- li jintużaw pariti tal-wiċċ jew xbieki ankrati mill-15 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru fl-ilmijiet ta' suddiviżjonijiet 22 sa 28, 29 nofsinhar ta' 59° 30' T u 32,
- li jintużaw pariti tal-wiċċ jew xbieki ankrati mill-1 ta' Ġunju sal-15 ta' Settembru fl-ilmijiet ta' suddiviżjonijiet 29, 30 sa 31 tramuntana ta' 59° 30' T,
- li jintużaw konzijiet tas-sufra jew konzijiet ankrati mill-1 ta' April sal-15 ta' Novembru fl-ilmijiet ta' suddiviżjonijiet 22 sa 31,
- li jintużaw konzijiet tas-sufra jew konzijiet ankrati mill-1 Lulju sal-15 ta' Settembru fl-ilmijiet ta' suddiviżjoni 32.

Iż-żona ta' projbizzjoni matul l-istaġun magħluq hi 'l bogħod aktar minn erba' mili nawtiċi mkejla mill-linji bażi, minbarra f'suddiviżjoni 32 u ż-żona fil-lvant ta' lonġitudni 22° 30' L (fanal ta' Bengtskär) għewwa ż-żona ta' sajd tal-Finlandja fejn sajd b'konzijiet tas-sufra u konzijiet ankrati hu projbit mill-1 Lulju to 15 Settembru.

2. Għandu jkun ipprojbit, f'sajd għal salamun (*Salmo salar*) jew trota tal-baħar (*Salmo trutta*):

- fejn isir sajd bl-użu ta' xbieki tal-wiċċ ankrati u pariti, li jintużaw aktar minn 600 xibka f'daqqa għal kull bastiment, li t-tul ta' kull xibka ma jaqbiżx 35 metru mkejla fil-ħarira ta' l-irkaptu. Barra min-numru ta' xbieki permessi għas-sajd, mhux aktar minn 100 xibka ta' riserva jistgħu jinżammu abbord,
- fejn isir sajd bl-użu ta' konzijiet tas-sufra jew konzijiet marbuta, li jintużaw aktar minn 2 000 sunnara f'daqqa għal kull bastiment.

Snanar fuq konzijiet tas-sufra u konzijiet marbuta għandhom ikollhom distanza minima bejn il-punt u s-*shaft* ta' mill-inqas 19 mm.

Barra min-numru ta' snanar permessi għas-sajd, mhux aktar minn 200 sunnara ta' riserva jistgħu jinżammu abbord.

Dispożizzjonijiet ġenerali*L-Artikolu 12*

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet ta' sajd mwettqa matul il-kors ta' l-egħmil ta' stokk mill-ġdid artifiċjali jew transpjantazzjoni ta' ħut, krustaċji jew molluski.

L-Artikolu 10

1. Għandu jkun ipprojbit sajd dirett għal merluzz u ħut ċatt tal-qiegħ (*Pleuronectidae*) bl-intenzjoni li jinħattu l-art għal għanijiet mhux għal konsum mill-bnedmin.

2. Splussivi, sustanzi velenużi jew li jheddlu ma jistgħux jintużaw għall-għan li jinqabad il-ħut.

3. Għandu jkun ipprojbit l-użu ta' rkaptu ta' ankoraġġ jew rkaptu ta' konzijiet tas-sufra mingħajr ma jkun immarkat b'bagi jew marki ta' identifikazzjoni oħra.

4. Għandu jkun ipprojbit li jkunu mitluggħa speċi eżotiċi fil-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound jew li jsir sajd għal speċi eżotiċi u sturjuni, sakemm ma jkunx awtorizzat bir-regoli adottati skond il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 13 u ma' l-obbligi li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' Gdansk. Speċi eżotiċi huma definiti bħala dawk li ma jinstabux b'mod naturali fil-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound.

L-Artikolu 11

Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal ħidmiet ta' sajd mwettqa biss għall-għan ta' investigazzjonijiet xjentifiċi li huma mwettqa bil-permess u taħt l-awtorità ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati u li l-Kummissjoni u l-Istat Membru jew l-Istati Membri li fl-ibħra tagħhom tkun qed issir ir-riċerka ġew infurmati bihom minn qabel.

Ħut, krustaċji u molluski maqbuda għall-għanijiet speċifikati fl-ewwel paragrafu jistgħu ikunu mibjugħa, maħżuna, murija jew offriti għall-bejgħ sakemm:

- jissodisfaw il-livelli preskritti f'Annessi II u III u l-livelli ta' suq adottati bis-saħħa ta' l-Artikolu 2 ta' Regolament (KEE) Nru 3759/92 ⁽¹⁾, jew
- huma mibjugħa direttament għal għanijiet mhux ta' konsum mill-bniedem.

Bastiment li jkun qed jagħmel kwalunkwe ħidma li hemm referenza għaliha fl-ewwel paragrafu għandu jżomm abbord awtorizzazzjoni maħruġa mill-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KEE) Nru 3759/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq dwar prodotti tas-sajd u ta' l-akwakultura (ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3318/94 (ĠU L 350, tal-31.12.1994, p. 15).

L-Artikolu 13

1. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri għall-konservazzjoni u tmexxija ta' popolazzjonijiet fejn tali miżuri jkollhom x' jaqsmu ma':

- (a) popolazzjonijiet strettament lokali ta' valur biss għal sajjieda ta' l-Istat Membru rilevanti; jew
- (b) kondizzjonijiet jew proċeduri mfassla sabiex jillimitaw il-qabdiet permezz ta' miżuri tekniċi:
 - (i) li jissupplimentaw dawk definiti f'Regolamenti tas-sajd tal-Komunità; jew
 - (ii) jaqbżu mill-ħtiġijiet minimi dettati f'dawk ir-Regolamenti,

iżda dawk il-miżuri jkunu applikabbli biss għal sajjieda ta' l-Istat Membru konċernat, ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità u konsistenti mal-politika ta' sajd komuni jew ma' l-obbligi taħt il-Konvenzjoni ta' Gdansk.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata b'kull abbozz għall-introduzzjoni jew emendi ta' miżuri tekniċi nazzjonali kmieni biż-żejjed sabiex tkun tista' tagħmel il-kummenti tagħha.

Jekk fi żmien xahar minn tali notifika l-Kummissjoni titlob dan, l-Istat Membru konċernat għandu jissospendi id-dħul fis-seħħ tal-miżuri pjanati għal tliet xhur mid-data tan-notifika sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tirregola f'dan il-limitu ta' żmien fuq il-kompatibbiltà tal-miżuri mad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1.

Fejn il-Kummissjoni issib li, f'deċiżjoni li għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra biha, miżura ppjanata ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-Istat Membru konċernat ma jistax jimplementa l-miżura mingħajr ma jagħmel il-bidliet neċessarji.

L-Istat Membru konċernat għandu jikkomunika l-miżuri adottati mingħajr telf ta' żmien lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fejn ikun xieraq, wara li jkunu saru l-bidliet neċessarji.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba tagħha, l-informazzjoni kollha meħtieġa għal stima ta' jekk il-miżuri tekniċi nazzjonali jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

4. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba ta' kwalunkwe Stat Membru, il-mistoqsija ta' jekk miżura teknika nazzjonali implimentata minn Stat Membru tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 tista' tkun referuta lill-Kumitat Amministrattiv għal eżami bi qbil ma' l-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92, u tista' tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament. Fejn tittieħed deċiżjoni bħal din, it-tielet u r-raba' subparagrafi tal-paragrafu 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

L-Artikolu 14

Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu skond il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92.

L-Artikolu 15

5. Fejn il-Kummissjoni issib li miżura notifikata ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, għandha tadotta deċiżjoni, mhux aktar tard minn sena żmien mid-data ta' notifika tal-miżura, bl-effett li l-Istat Membru jkollu jtemm jew jemenda l-miżura flimitu ta' żmien li l-Kummissjoni għandha tindika. Id-dispożizzjonijiet tar-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Ir-Regolament (KEE) Nru 1866/86 hu bil-preżenti mħassar.

Referenzi għar-Regolament imsemmi għandhom jiftehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond l-iskeda ta' korrelazzjoni preskritta f'Parti A ta' l-Anness VI.

6. Miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' l-akwakultura u mas-sajd mix-xatt għandhom ikunu nnotifikati mill-Istat Membru lill-Kummissjoni għal għanijiet ta' informazzjoni biss.

L-Artikolu 16

"Akwakultura" għandha tfisser it-*tkabbir* ta' ħut, krustaċji jew molluski filma mielaħ jew filma salmastru.

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

F. BODEN

L-ANNEX I

SUDDIVIŻJONIJIET TA' NAĦA ĠEOGRAFIKA LI HEMM REFERENZA GĦALIHA FL-ARTIKOLU 1

Suddiviżjoni 22

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn Hasenøre Head (56° 09' T, 10° 44' L) fil-kosta tal-lvant ta' Jutland sa Gniben Point (56° 01' T, 11° 18' L) fil-kosta tal-Punent ta' Zealand; imbagħad matul il-kosta tal-Punent u l-kosta ta' nofsinhar ta' Zealand sa punt li jinsab f'lonġitudni 12° 00' L; minn hemm, lejn in-nofsinar għall-gżira ta' Falster; imbagħad matul il-kosta tal-lvant tal-gżira ta' Falster sa Gedser Odde (54° 34' T, 11° 58' L); imbagħad lejn il-lvant għal lonġitudni 12° 00' E; imbagħad lejn in-nofsinar għal kosta tal-Ġermanja; imbagħad f'direzzjoni ta' lbiċ matul il-kosta tal-Ġermanja u l-kosta tal-lvant ta' Jutland sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 23

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn Gilbjerg Head (56° 08' T, 12° 18' L) fit-tramuntana tal-kosta ta' Zealand għal Kullen (56° 18' T, 12° 28' L) fuq il-kosta ta' l-Isvezja; imbagħad f'direzzjoni tan-nofsinar matul il-kosta ta' l-Isvezja għal fanal ta' Falsterbo (55° 23' T, 12° 50' L); imbagħad għad-daħla fin-nofsinar għas-Sound sal-fanal Stevns (55° 19' T, 12° 28' L) fuq il-kosta ta' Zealand; imbagħad f'direzzjoni għat-tramuntana matul il-kosta tal-lvant ta' Zealand sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 24

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża mill-fanal ta' Stevns (55° 19' T, 12° 28' L) fil-kosta tal-lvant ta' Zealand għad-daħla fin-nofsinar tas-Sound sal-fanal ta' Falsterbo (55° 23' T, 12° 50' L) fil-kosta ta' l-Isvezja; imbagħad matul il-kosta tan-nofsinar ta' l-Isvezja għall-fanal ta' Sandhammaren (55° 24' T, 14° 12' L); minn hemm għall-fanal Hammerodde (55° 18' T, 14° 47' L) fil-kosta tat-tramuntana ta' Bornholm; imbagħad matul il-kosta tal-Punent u l-kosta ta' nofsinhar ta' Bornholm għal punt li jinsab lonġitudni 15° 00' L; minn hemm lejn in-nofsinar għall-kosta ta' l-Polonja; imbagħad fid-direzzjoni tal-Punent matul il-kosta tal-Polonja u l-kosta tal-Ġermanja sa punt li jinsab lonġitudni 12° 00' L; imbagħad lejn it-tramuntana għal punt li jinsab latitudni 54° 34' T u lonġitudni 12° 00' L; imbagħad lejn il-Punent għal Gedser Odde (54° 34' T, 11° 58' L); minn hemm, matul il-kosta tal-lvant u l-kosta tat-tramuntana tal-gżira ta' Falster għal punt li jinsab lonġitudni 12° 00' L; minn hemm, lejn it-tramuntana għall-kosta tan-nofsinar ta' Zealand; imbagħad f'direzzjoni lejn il-Punent u lejn it-Tramuntana matul il-kosta tal-Punent ta' Zealand sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 25

L-ilmijiet magħluqa minn linja mħażża minn punt fil-kosta tal-lvant ta' l-Isvezja f'latitudni 56° 30' T u li tibqa sejra lejn il-lvant sal-kosta tal-punent tal-gżira ta' Öland; imbagħad, wara li tgħaddi fin-nofsinar tal-gżira ta' Öland għal punt fuq il-kosta tal-lvant li jinsab f'latitudni 56° 30' T, lejn il-lvant ta' lonġitudni 18° 00' L; imbagħad lejn in-nofsinar tal-kosta tal-Polonja; imbagħad fid-direzzjoni tal-punent matul il-kosta tal-Polonja għal punt li jinsab f'lonġitudni 15° 00' L; imbagħad lejn it-Tramuntana tal-gżira ta' Bornholm; imbagħad matul il-kosta ta' nofsinhar u l-kosta tal-punent ta' Bornholm għall-fanal ta' Hammerodde (55° 18' T, 14° 47' L); imbagħad għall-fanal ta' Sandhammaren (55° 24' T, 14° 12' L) fil-kosta ta' nofsinhar ta' l-Isvezja; imbagħad fid-direzzjoni tat-tramuntana matul il-kosta tal-lvant ta' l-Isvezja sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 26

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn punt li jinsab f'latitudni 56° 30' T u lonġitudni 18° 00' L u li jibqa' sejjer lejn il-lvant għal kosta tal-punent ta' l-ex-USSR; imbagħad fid-direzzjoni ta' nofsinhar matul il-kosta ta' l-ex-USSR u l-kosta tal-Polonja sa punt fuq il-kosta tal-Polonja li jinsab f'lonġitudni 18° 00' L; imbagħad lejn it-tramuntana sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 27

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn punt fil-lvant tal-kosta ta' l-art ta' l-Isvezja li tinsab f'latitudni 59° 41' T u lonġitudni 19° 00' L u li tibqa' sejra lejn in-nofsinar għat-tramuntana tal-kosta tal-gżira ta' Gotland; imbagħad fid-direzzjoni ta' nofsinhar matul il-kosta tal-punent ta' Gotland sa punt li jinsab f'latitudni 57° 00' T; imbagħad lejn il-punent għal lonġitudni 18° 00' L; imbagħad lejn in-nofsinar għal latitudni 56° 30' T; imbagħad lejn il-punent għal kosta tal-lvant tal-gżira ta' Öland; imbagħad, wara li tgħaddi fin-nofsinar tal-gżira ta' Öland, għal punt fil-kosta tal-punent tagħha li jinsab f'latitudni 56° 30' T; imbagħad lejn il-punent għall-kosta ta' l-Isvezja; imbagħad fid-direzzjoni tat-tramuntana matul il-kosta tal-lvant ta' l-Isvezja sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 28

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn punt li jinsab f'latitudni 58° 30' T u lonġitudni 19° 00' L u li jibqa' sejjer lejn il-lvant għall-kosta tal-punent tal-gżira ta' Saaremaa; imbagħad, wara li tgħaddi fit-tramuntana tal-gżira ta' Saaremaa, għal punt fil-kosta tal-lvant tagħha li jinsab f'latitudni 58° 30' T; imbagħad lejn il-lvant għall-kosta ta' l-ex-USSR; imbagħad fid-direzzjoni ta' nofsinhar matul il-kosta tal-punent ta' l-ex-USSR għal punt li jinsab f'latitudni 56° 30' T; imbagħad lejn il-punent ta' lonġitudni 18° 00' L; imbagħad lejn it-tramuntana għal latitudni 57° 00' T; imbagħad lejn il-lvant għal kosta tal-punent tal-gżira ta' Gotland; imbagħad fid-direzzjoni tat-tramuntana għal punt fil-kosta tat-tramuntana ta' Gotland li jinsab f'lonġitudni 19° 00' L; imbagħad lejn it-tramuntana sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 29

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn punt fil-kosta tal-lvant ta' l-art ta' l-Isvezja li jinsab f'latitudni 60° 30' T u tibqa' sejra lejn il-lvant għat-terraferma tal-Finlandja; imbagħad fid-direzzjoni ta' nofsinhar matul il-kosti tal-punent u ta' nofsinhar tal-Finlandja sa punt fin-nofsinar tal-kosta tat-terraferma li tinsab f'lonġitudni 23° 00' L; imbagħad lejn in-nofsinar għal latitudni 59° 00' T; imbagħad lejn il-lvant għal kosta ta' l-ex-USSR; imbagħad f'direzzjoni lejn in-nofsinar matul il-kosta tal-punent ta' l-ex-USSR għal punt li jinsab f'latitudni 58° 30' T; imbagħad lejn il-punent għal kosta tal-lvant tal-gżira ta' Saaremaa; imbagħad, wara li tgħaddi fit-tramuntana tal-gżira ta' Saaremaa, għal punt fuq il-kosta tal-punent tagħha f'latitudni 58° 30' T; imbagħad lejn il-punent għal lonġitudni 19° 00' L; imbagħad lejn it-tramuntana għal punt fuq il-kosta tal-lvant ta' l-art ta' l-Isvezja li jinsab f'59° 41' T; imbagħad f'direzzjoni lejn it-tramuntana matul il-kosta tal-lvant ta' l-Isvezja sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 30

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn punt fil-kosta tal-lvant ta' l-Isvezja li jinsab f'latitudni 63° 30' T u li tibqa' sejra lejn il-lvant tal-kosta ta' l-art tal-Finlandja; imbagħad f'direzzjoni lejn in-nofsinar matul il-kosta tal-Finlandja għal punt li jinsab f'latitudni 60° 30' T; imbagħad lejn il-punent għal kosta ta' l-Isvezja; imbagħad f'direzzjoni matul il-kosta tal-lvant ta' l-Isvezja sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 31

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn punt fil-kosta tal-lvant ta' l-Isvezja li jinsab f'latitudni 63° 30' T u li tibqa' sejra, wara li tgħaddi fit-tramuntana tal-Golf ta' Bothnia, għal punt fuq il-kosta tal-punent ta' l-art tal-Finlandja li jinsab f'latitudni 63° 30' T; imbagħad lejn il-punent sal-punt ta' tluq.

Suddiviżjoni 32

L-ilmijiet magħluqa b'linja mħażża minn punt fil-kosta ta' nofsinhar tal-Finlandja li jinsab f'lonġitudni 23° 00' L u li tibqa' sejra, wara li tgħaddi mill-lvant tal-Golf tal-Finlandja, għal punt fuq il-kosta tal-punent ta' l-ex-USSR li jinsab f'latitudni 59° 00' T; imbagħad lejn il-punent għal lonġitudni 23° 00' L; imbagħad lejn it-tramuntana sal-punt ta' tluq.

L-ANNESS II

LIMITI TA' ĊERTI INĦAWI ĠEOGRAFIĊI LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 2

Limiti ta' l-inħawi ġeografiċi, fis-Sound, fil-Great Belt u fil-Little Belt, f'dak li għandu x'jaqsam ma' sajd għal barbun nisa u barbun tat-tbajja' nisa:

- fanal ta' Falsterbo — fanal ta' Stevns
 - Jungshoved — Bøgenæssand
 - fanal ta' Hestehoved — Maddes Klint
 - knisja ta' Skelby — Flinthorne Odde
 - knisja ta' Kappel — Gulstav
 - Ristingehale — Ærøhale
 - Skjoldnæs — Pøls Ħuk
 - Christian X bridge, Sønderbor
-

L-ANNESS III

DAQSIJJET MINIMI LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 3(1)

Speċi	Ilmijijiet	Daqs minimu
Bakkaljaw (<i>Gadus morhua</i>)	Is-sottodivizjonijiet kollha Nofsinhar ta' latitudni 59° 30' T	35 ċm
Barbun ta' l-għajnejn imbiegħda (<i>Platichthys flesus</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 25	25 ċm
	Sottodiviżjonijiet 26 sa 28	21 ċm
	Sottodiviżjonijiet 29 u 32 tramuntana ta' latitudni 59° 30' T	18 ċm
Barbun tat-tbajja' (<i>Pleuronectes platessa</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 25	25 ċm
	Sottodiviżjonijiet 26 sa 28	21 ċm
	Sottodiviżjonijiet 29 u 32 nofsinhar ta' latitudni 59° 30' T	18 ċm
Barbun imperjali (<i>Psetta maxima</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	30 ċm
Rombu lixx (<i>Scophthalmus rhombus</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	30 ċm
Sallur (<i>Anguilla anguilla</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	35 ċm
Salamur (<i>Salmo salar</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	60 ċm

L-ANNESS IV

DAQS MINIMU TAL-MALJI TAX-XBIEKI LI HEMM PROVDUT FL-ARTIKOLU 5

Speċi	Ilmijiet	Tip tax-xibka	Daqs minimu tal-malja. Tul ta' dijagonali twil
Bakkaljaw (<i>Gadus morhua</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	Gillnets	105 mm
	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u xbieki Simili ⁽¹⁾	105 mm
	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u xbieki Simili	120 mm ⁽²⁾
Ħut ċatt tal-qiegħ (<i>Pleuronectidae</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 27	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi, xbieki simili u gillnets	120 mm ⁽²⁾ ⁽³⁾
	Sottodiviżjoni 28	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi, xbieki simili u gillnets	110 mm
	Sottodiviżjonijiet 29 u 32 nofsinhar ta' latitudni 59° 30' T	Gillnets	100 mm
		Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili	110 mm
	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili ⁽¹⁾	105 mm ⁽⁴⁾
Aringi (<i>Clupea harengus</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 27	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili	32 mm
	Sottodiviżjonijiet 28 u 29 nofsinhar ta' latitudni 59° 30' T	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili	28 mm
	Sottodiviżjonijiet 30 sat-32 u Sottodiviżjoni 29 tramuntana ta' latitudni 59° 30' T	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili	16 mm
Sardin (<i>Sprattus sprattus</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	Xbieki tat-tkaxkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili	16 mm
Salamur (<i>Salmo salar</i>)	Sottodiviżjonijiet 22 sa 32	Xbieki li jżommu fil-wiċċ ank-rati u <i>driftnets</i>	157 mm

⁽¹⁾ Xbieki mwaħħla ma' meżżi bħal twieqi ta' ħruġ jew strutturi li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness V, kapaċi li jiggarrantixxu tul ta' ritenzjoni ta' 50 % ta' mhux inqas minn 38 cm.

⁽²⁾ Daqs tal-malja applikabbli ma' l-malji kollha fl-aħħar 8 m tat-tarf tal-bakkaljaw, meqjusa mill-linja tal-bakkaljaw, il-malji li jkun qed jiġu mġebbda bi qbil mal-linja ċentrali fit-tul tax-xibka.

⁽³⁾ Bl-eċċezzjoni ta' sottodivizjonijiet 22 u 23 fejn is-sajd ta' xi ħadd waħdu huwa awtorizzat b'daqs tal-malja mhux iżgħar minn 90 mm.

⁽⁴⁾ Bl-eċċezzjoni ta' sottodivizjonijiet 22 sa 24 fejn xbieki normali li jkaxkru u tartaruni Daniżi b'fetħa tal-malja ta' 90 mm huma permessi

L-ANNESS V

APPARAT SPEĊJALI TA' L-GĦAŻLA

Sabiex tkun żgurata l-għażla ta' xbieki ta' tkarkir, tartaruni Daniżi u xbieki simili bi ftuħ speċjali tax-xbiek kif hemm referenza għalihom fl-Anness IV, iż-żewġ mudelli ta' twieqi ta' ħruġ hawn taħt huma awtorizzati:

Tieqa ta' ħruġ (mudell 1)

Żewġ twieqi ta' ħruġ miksija bil-plastik, xbieki miftuħa kollha fil-forma ta' djamant għandhom jitwählhu ma' t-tarf ta' xbieki ta' tkarkir u tartaruni Daniżi fis-sajd għal merluzz. Il-ftuħ tal-malji tax-xbiek għandu jkun mhux inqas minn 105 mm. It-twieqi ta' ħruġ għandhom ikunu mwaħħla b'biċċa xbiek separat (bejn ix-xbieki ordinarji fil-forma ta' djamant u x-xbieki tat-tieqa ta' ħruġ). Id-daqs tal-malji tax-xbiek tax-xibka separata għandu jkun identiku għat-tul tal-lastat tat-tieqa ta' ħruġ immultiplikata mar-radiċi kwadrata ta' tnejn.

It-tieqa ta' ħruġ għandha titwähl fuq iż-żewġ naħat tat-tarf, u d-distanza bejn it-tarf ta' wara tat-tarf tax-xbiek u t-tieqa għandu jkun ta' 40 sa 50 cm. It-tul tat-tieqa għandu jkun 80 % tat-tul totali tat-tarf tax-xbiek u l-għoli tat-tieqa għandu jkun 50 cm. It-tieqa għandha tkun armata b'tali mod li tagħti ftuħ bejn il-kumenti ta' fuq u ta' isfel tat-tieqa ta' 15 cm sa 20 cm.

Tieqa ta' ħruġ (mudell 2)*Identifikazzjoni*

It-twieqi għandhom ikunu taqsimiet rettangolari ta' xbiek fit-tarf. Għandu jkun hemm żewġ twieqi fit-tarf.

Daqs

Kull tieqa għandu jkollha wisa' minimu ta' 45 cm matul it-tul kollu tagħha. Kull tieqa għandu jkollha tul minimu ta' 3,5 m imkejjel matul il-ġnub tagħha (Figura 1 ta' disinn 2).

Xbiek

Il-malji fix-xbiek fit-twieqi għandhom ikunu ta' daqs minimu ta' 105 mm. Għandhom ikunu malji kwadri, i.e. l-erba' naħat tax-xibka tat-tieqa għandhom jinqas bil-vireg kollha (Il-figura 2 ta' disinn 2). Ix-xbiek għandu jkun armat b'tali mod li l-vireg jgħaddu paralleli u perpendikulari għat-tul tat-tarf (Il-figura 2). Il-wisa' tat-tieqa għandu jkun tmien malji kwadri miftuħa. It-tul għandu jkun bejn 57 u 62 malji kwadri (Il-figura 2 ta' disinn 2).

Lok

It-tarf għandu jkun maqsum f'panewijiet għolja u panewijiet baxxi bi ċmusa li jgħaddu mal-ġnub tan-naħa tax-xellug u tan-naħa tal-lemin (Il-figura 1 ta' disinn 2). Iż-żewġ twieqi għandhom ikunu posizzjonati fil-panew t'isfel, eżattament ħdejn u taħt iċ-ċmusa (Il-figura 1 ta' disinn 2). It-tieqa għandha tieqaf minimu ta' 2 m u massimu ta' 2,5 m mit-tarf.


In-naħa ta' quddiem tat-tieqa għandha tkun magħquda mal-wisa' ta' tmien malji tax-xbiek normali tat-tarf (Il-figura 3 ta' disinn 2). Ġenb wieħed għandu jeħel maċ-ċmusa jew jingħaqad eżattament ħdejn iċ-ċmusa u l-ġnub l-oħra għandhom ikunu magħquda mal-panew ta' taħt tat-tarf normali wara linja dritta ta' malji bl-għoqiedi kollha maqtugħa.

Daqs tat-malji tax-xbiek fit-tarf kollu

Il-partijiet kollha tat-tarf għandhom jikkonformaw ma' daqs minimu ta' malji ta' xbiek ta' 105 mm.

Disinn 1

Tieqa ta' ħruġ — Mudell 1




Disinn 2

Tieqa ta' ħruġ — Mudell 2

Figura 1: Pożizzjoni tat-twieqi ta' xbiek b'malji kwadri fit-tarf

Speċifikazzjoni suġġerita



It-twieqi kaxxa tal-malja huma 0,48 m għoli

Taqsimat tal-qasma tat-tarf tal-bakkaljaw




Figura 2: Xbiek fit-twieqi ta' xbiek ta' malji kwadri

Speċifikazzjoni suġġerita





Figura 3: Tqegħid tat-tieqa fit-tarf

Speċifikazzjoni suġġerita



L-ANNESS VI

IL-PARTI A

SKEDA TA' KORRELAZZJONI

Ir-Regolament (KEE) Nru 1866/86	Dan ir-Regolament
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)
L-Artikolu 2(1a)	–
L-Artikolu 2(2)	L-Artikolu 2(2)
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3
L-Artikolu 4	L-Artikolu 4
L-Artikolu 5	L-Artikolu 5
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6
L-Artikolu 7	L-Artikolu 7
L-Artikolu 8	L-Artikolu 8
L-Artikolu 9	L-Artikolu 9
L-Artikolu 10	L-Artikolu 10
L-Artikolu 11	L-Artikolu 11
L-Artikolu 12	L-Artikolu 12
L-Artikolu 13	L-Artikolu 13
L-Artikolu 14	L-Artikolu 14
–	L-Artikolu 15
–	L-Artikolu 16
L-Anness I	L-Anness I
L-Anness II	L-Anness II
L-Anness III	L-Anness III
L-Anness IV (a)	–
L-Anness IV (b)	L-Anness IV
L-Anness V	L-Anness V
–	L-Anness VI

IL PARTI B

REGOLAMENTI LI JEMENDAW REGOLAMENT (KEE) NRU 1866/86

	Nru	Ġurnal Uffiċjali	
		paġna	data
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2244/87 tat-23 ta' Lulju 1987	L 207	15	29.7. 1987
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2178/88 tat-18 ta' Lulju 1988	L 191	7	22.7. 1988
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 887/89 tal-5 ta' April 1989	L 94	4	7.4. 1989
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2156/91 tal-15 ta' Lulju 1991	L 201	1	24.7. 1991
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2250/95 tat-18 ta' Settembru 1995	L 230	1	27.9. 1995
Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1821/96 tas-16 ta' Settembru 1996	L 241	8	21.9. 1996